**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 13**

**NHAR IT-TLIETA 7 TA' LULJU 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetchuti | Membru |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Wallace Farrugia | Membru |
| Anna Paris | Membru |

*Dawn il-membri kien skużati minħabba raġunijiet ta' mard.*

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 12 ġew approvati. Il-Viċi Chairperson pproponiet. Alex Chetchuti ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ħajt perikoluż fi Triq il-Madliena qed jiġi irranġat.

2. A.C staqsa jekk saritx l-applikazzjoni għat-traffic calmers fi Triq il-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Perit tal-Kunsill għad ma ħejjiex is-site plan ta' fejn dawn se jiġu installati. A.C issuġerixxa illi dawn għandhom jiġu imwaħħla fil-viċinanza qabel ma' tinżel għal Triq il-Prekursur.

3. Minħabba sewqan eċċessiv u anki minħabba ħsejjes ta' ħornijiet matul il-lejl u kmieni filgħodu fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Madliena, ic-Chairperson irrakomanda li f' din il-parti jiġu installati traffic lights sabiex it-traffiku jiġi ikkontrollat aħjar milli qiegħed fil-preżent. Il-Kumitat qabel ma' dan is-suggeriment. Ġie deċiż li ssir applikazzjoni mat-Transport Malta.

4. Il-Viċi Chairperson infurmat li f' Madliena Road, Triq Markiż J. Scicluna kif ukoll f' Ta' Stronka kull filgħodu qed jgħaddu żwiemel b' konsegwenza li jistgħu jagħmlu ħsara lit-tarmak li għad kemm sar ġdid. Il-Kumitat iddeċieda li jiġi infurmati l-Pulizija fil-laqgħa li ser ssir ma' l-Assitent Kummissarju kif ukoll isiru tabelli jindikaw "No horses"

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li it-18 il-bank ta’ l-injam lesti u għaldaqstant id-Dipartiment qed jitlob indikazzjoni ta’ fejn dawn ser jiġu allokati. Iċ-Ċhairperson flimkien ma’ A.C ħadu l-inkarigu li flimkien mall-Kuntrattur jagħmlu żjara fil-Lokalita’.

6. Il-Viċi Chairperson infurmat li fit-Triq il-Gladjoli resident imbarra il-bieb tiegħu b’ ġebel tal-franka kif ukoll poġġa xi bricks kemm fuq il-bankina kif ukoll fir-rampa tal-garaxx. Hi staqsiet sabiex jiġu ikkuntatjati is-sidien sabiex mill-aktar fis jitneħħa dan l-inkonvenjent. Hi ppreżentat ritratti ta’ dan l-“eyesore”

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |